

# Tifkiriet ta' l-Imgħoddi

## *Il-Festa Titulari ta' Marija Addolorata u dak li m'għandux x'jaqsam magħha*

**minn Patri Dom. Bonello OFM Conv.**

Il-Festa Titulari ta' kull parroċċa fiha s-seher tagħha; tiġbed 'il kulħadd anke 'l dawk li ma tantx iħossuhom miġbudin lejn il-knisja, għax kulħadd iħoss li dik hija l-festa ta' pajjiżu, u festa li tiġbor lill-familja flimkien, u għalhekk l-ikla tal-festa ma tonqosx.

Intant li sejjer nikteb jien din id-darba, huwa dwar dak li kien isir snin ilu daqs 45 sena ilu u aktar ukoll, meta allura jien kont għadni saċerdot novell fil-kunvent tal-parroċċa. Min għandu l-età tiegħi, ħafna minn dak li sejjer insemmi, jiftakru huwa wkoll. Iżda min għadu żagħżugħ, u tinteressah il-festa, żgur li jieħu gost jaqra dan li sejjer nirrakkonta.

Il-Kappillan, b'mod speċjali, kien iħabrek ħafna matul is-sena kollha għall-"*Fund Raising*" biex ikollu flus biżżejjed ħalli jkun jista' jħallas l-ispejjeż kollha tal-festa. Kienu jsiru lotteriji, xi tombla, fieri, ibda minn dik li kienet issir nhar Lapsi (dak iż-żmien kienet festa kmandata) u kienet issir ħdejn is-"*Sirens*", u l-istess il-fieri l-oħra li kienu jsiru, u li kienu jħallu sold mhux ħażin; matul is-sena kienu jsiru xi donazzjonijiet għall-festa; il-kaxxa ta' ma' l-Istatwa tad-Duluri, u fl-aħħarnett il-ġabra li kienet issir bieb, bieb mill-Kappillan, ibda mill-Manikata sa San Pawl il-Baħar, il-Wardija, Burmarrad u jibqa' sejjer sa Għajn Riħana... kienet tkun battikata, meta s-sħana tas-sajf kienet tagħmel tagħha!

Il-Kappillan, minn qabel, kien jieħu ħsieb jagħmel il-permessi għand il-Pulizija, għan-nar, għall-armar ta' barra, il-baned u r-rotta li tieħu l-Purċissjoni, eċċ... U għal dan kollu il-Kappillan ikun diġà ħaseb, u kollox ikun ordnat: il-kuntrattur biex jarma d-dawl, il-logħob tan-nar, ta' l-art u ta' l-ajru, il-baned... u dan minn ħafna żmien qabel.

L-ewwel biċċa xogħol fil-knisja kienet tkun tfarfira minn fuq s'isfel. Il-Fra kien ikollu dejjem min jagħtih daqqa t'id f'kull biċċa xogħol sakemm il-knisja tkun armata u lesta minn kollox. Jibda imbagħad jintrama d-damask (qabel ma tkabbret il-knisja kienet tkun kollha bid-damask), it-tużell tal-festa, li fih dejjem biċċa xogħol mhux ħażin, u l-linef ċkejknin ma' kull pilastru. U l-lampier il-kbir.

Imbagħad qabel tibda s-Settena, iġifieri dawk is-sebat ijiem ta' tħejjija għall-festa, kienet tintrama' l-Istatwa tad-Duluri. Dak iż-żmien mhux bħal-lum, toħroġ minn niċċa armata b'kollox u mingħajr ebda tbatija. Fl-imgħoddi, billi l-bankun, il-bradella u l-pedestall, kollox kien jiżżarma u jitqiegħed f'kamra, meta kien jasal iż-żmien ta' qabel il-festa, kollox kien jinħareġ minn postu u jintrama fil-knisja. Imbagħad tinħareġ l-istatwa tad-Duluri minn niċċa tagħha ta' l-injam li kienet qrib il-bieb tal-ġenb tal-lemin għal min ikun dieħel il-knisja (ta' ċerta età għadhom jiftakruha), u b'attenzjoni kbira kienet tittella' fuq il-pedestall. Lejliet il-festa kienet tiżżejjen bil-qalb fuq sidirha u bi ftit deheb. Bukketti tal-fjuri ma kienux jonqsu.

Kien ikun jonqos l-armar ta' l-artali tal-ġnub u fl-aħħar l-artal maġġur li kien iżejjen il-knisja. Kien hemm min jieħu ħsieb jarma l-istandarti tal-Fratellanzi, is-slaleb u l-lanterni, li kienu jintużaw għall-purċissjoni.